

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentanti: M. Fischer u D. Botis, aġenti), Burlington Fashion GmbH (rappreżentant: A. Parr, Rechtsanwältin)

### Dispożittiv

- 1) Is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Diċembru 2017, Tulliallan Burlington vs EUIPO – Burlington Fashion (Burlington) (T-120/16, EU:T:2017:873), tas-6 ta' Diċembru 2017, Tulliallan Burlington vs EUIPO – Burlington Fashion (BURLINGTON THE ORIĠINAL) (T-121/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:872), tas-6 ta' Diċembru 2017, Tulliallan Burlington vs EUIPO – Burlington Fashion (Burlington) (T-122/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:871), u tas-6 ta' Diċembru 2017, Tulliallan Burlington vs EUIPO – Burlington Fashion (BURLINGTON), T-123/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:870), huma annullati.
- 2) Id-deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-11 ta' Jannar 2016 (Każijiet R 94/2014-4, R 2501/2013-4, R 2409/2013-4 u R 1635/2013-4), dwar erba' proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Tulliallan Burlington Ltd u Burlington Fashion GmbH, huma annullati.
- 3) Burlington Fashion GmbH u l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, l-ispejjeż sostnuti minn Tulliallan Burlington Ltd kemm fir-rigward tal-proċeduri tal-ewwel istanza fil-Kawża T-120/16 sa T-123/16 kif ukoll dawk tal-appelli, fishma ndaqs.

(<sup>1</sup>) ĠU C 240, 9.7.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Marzu 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Sąd Rejonowy Gdańsk-Południe w Gdańsku Sąd Rejonowy Gdańsk-Południe w Gdańsku – il-Polonja) – Centraal Justitiele Incassobureau, Ministerie van Veiligheid en Justitie (CJIB) vs Bank BGŻ BNP Paribas S.A.**

(Kawża C-183/18) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2005/214/ĠAI – Rikonossiment u eżekuzzjoni ta' penali finanzjarji imposti fuq persuni ġuridiċi – Traspożizzjoni inkompleta ta' deċiżjoni qafas – Obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali – Portata)*

(2020/C 161/05)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy Gdańsk-Południe w Gdańsku

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Centraal Justitiele Incassobureau, Ministerie van Veiligheid en Justitie (CJIB)

*Konvenut:* Bank BGŻ BNP Paribas S.A. w Gdańsku

*fil-preżenza ta':* Prokuratura Rejonowa Gdańsk-Śródmieście w Gdańsku

### Dispożittiv

- 1) Il-kunċett ta' "persuna ġuridika" li jinsab b'mod partikolari fl-Artikolu 1(a) u 9(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/214/ĠAI tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiprodu ta' penali finanzjarji, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fid-dawl tad-dritt tal-Istat tal-ħruġ tad-deċiżjoni li timponi sanzjoni finanzjarja.

- 2) Id-Deċiżjoni Qafas 2005/214, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tobbligax lil qorti ta' Stat Membru sabiex ma tapplikax dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tkun inkompatibbli mal-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/214 kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI, peress li din id-dispożizzjoni ma għandhiex effett dirett. Madankollu, il-qorti tar-rinviju hija obbligata li twettaq, sa fejn ikun possibbli, interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali bil-ħsieb li tiżgura riżultat kompatibbli mal-finalità segwita minn din id-deċiżjoni qafas.

(<sup>1</sup>) ĠU C 221, 25.06.2018

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta' Marzu 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) – il-Portugall) – Idealmed III – Serviços de Saúde SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

(Kawża C-211/18) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 132(1)(b) – Eżenzjonijiet – Sptar u kura medika – Sptarijiet – Servizzi mogħtija taħt kundizzjonijiet soċjali paragonabbli ma' daww applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku – Artikoli 377 u 391 – Derogi – Dritt ta' għażla għall-applikazzjoni tas-sistema ta' tassazzjoni – Żamma tat-tassazzjoni – Tibdil fil-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali)*

(2020/C 161/06)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Idealmed III – Serviços de Saúde SA

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

**Dispożittiv**

- 1) L-Artikolu 132(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni, sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat, li jkunu ta' natura ta' interess ġenerali, jiġux żgurati f'kundizzjonijiet soċjali paragonabbli ma' daww applikabbli għall-organi rregolati mid-dritt pubbliku, fis-sens tal-istess dispożizzjoni, il-fatt li dawn is-servizzi jiġu pprovduti fil-kuntest ta' ftehimiet konklużi ma' awtoritajiet pubbliċi ta' dan l-Istat Membru, bi prezzijiet stabbiliti permezz ta' dawn il-ftehimiet, u li l-ispejjeż tagħhom jiġu parzjalment sostnuti mill-istituzzjonijiet ta' sigurtà soċjali tal-imsemmi Stat Membru.
- 2) L-Artikolu 391 tad-Direttiva 2006/112, moqri flimkien mal-Artikolu 377 tagħha u mal-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali, kif ukoll ta' newtralità fiskali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud tas-servizzi ta' kura pprovduti minn sptar privat li jaqgħu taħt l-Artikolu 132(1)(b) ta' din id-direttiva minħabba tibdil fil-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attivitajiet tiegħu li jkunu seħħew wara li dan ikun għażel sistema ta' tassazzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat li tippredvi l-obblig, għal kull persuna taxxabli li tagħmel din l-għażla, li tibqa' suġġetta għall-imsemmija sistema għal ċertu terminu, meta tali terminu jkun għadu ma skadiex.

(<sup>1</sup>) ĠU C 240, 9.7.2018.